# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## Is-SEBA’ LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 115/7

It-Tnejn 07 ta’ Jannar 2019

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa’ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta’ filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
George Fenech – Kunsillier

ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Romeo Baldacchino – Viċi Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

115.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;

115.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (113/7 [27/11/18]; 114/7 [04/12/18])

115.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

115.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

115.5 Rapporti;

115.6 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;
a. Laqgħa annwali tal-lokalità
b. Xogħol ta' pavimentar fi Triq Sta Katarina, Triq J Pace u Triq id-Dejqa

115.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

115.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

----------------------------------------------------------

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.25pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**115.0.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

115.1.1 Mal-ftuħ tal-laqgħa l-Kunsill ġie infurmat illi l-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino u l-Kunsillier is-Sur Sammut kienu infurmaw illi kienu jinsabu indisposti u għalhekk ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa. B'mod unanimu l-Kunsill qabel illi għal kull buon bini tal-proċedura, is-Sur Baldacchino u s-Sur Sammut għandhom jiġu konsidrat bħala skużati u li din l-assenza bl-ebda mod ma għandha tnaqqas ir-remunerazzjoni tagħhom dwar l-attendenza fil-laqgħat tal-Kunsill u l-pagament kif stabbilit.

**115.2.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (113/7 [27/11/18]; 114/7 [04/12/18])**

115.2.1 Dawn il-minuti 113/7 u 114/7 ġew iċċirkulati għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa ġew meħuda bħala moqrija b'mod unanimu.

Is-Sindku ppropona u l-Kunsillier is-Sur Fenech issekonda li dawn il-minuti 113/7 (27/11/18) u l-minuti 114/7 (04/12/18) jiġu approvati.

Dawn il-minuti ġew approvati.

115.2.2 Punti li tqajmu mill-minuti

a. Tema 114.2.1. Is-Sur Fenech qal li huwa xtaq jirrijaferma li fil-fehma tiegħu l-Kunsill għandu jmur għand l-MIA dwar il-problema tal-parkeġġ fil-Gudja, u dan speċjalment minħabba l-fatt li bosta vetturi li jitħallew ipparkjati ġewwa l-Gudja jkunu hemm minħabba attività jew oħra marbuta b'mod jew ieħor mal-attivitajiet tal-MIA.

Is-Sur Fenech qal li l-Kunsill għandu jiddiskuti mal-MIA fuq soluzzjoni bi dritt u mhux sempliċiment jitlob xi ħaġa bħala kumpens.

b. Tema 114.2.1. Is-Sur Caruana ġibed l-attenzjoni li l-kliem ta' "12-il pajjiż f'Malta u Għawdex" ikun aktar feliċi kieku ntużaw kliem bħal belt, raħal jew lokalitajiet.

**115.3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku**

115.3.1 Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Onor. Silvio Parnis dwar il-bye-law u l-parkeġġ fil-Gudja. Is-Sindku fakkar li din il-laqgħa sejra sseħħ nhar il-Ġimgħa 11 ta' Jannar 2019 fis-6.30pm fl-uffiċċju tal-Kunsill.

Is-Sindku talab li kemm jista' jkun kulħadd ikun preżenti u jipparteċipa waqt din il-laqgħa.

115.3.2 Laqgħa ma' Dr. Mariella Silvio – Avukat tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-bye-law. Is-Sindku qal li għal din il-laqgħa kien ukoll preżenti l-Kunsillier is-Sur Fenech. Din kienet laqgħa kordjali fejn Dr. Silvio dehret li fehmet aktar il-qagħda u t-talba u l-motivazzjoni tal-Kunsill dwar din il-bye-law. Dr. Silvio stqarret li kienet sejra tiddiskuti din il-materja mad-Direttur Ġenerali s-Sur Natalino Attard.

115.3.3 Bilanċ tal-leave mis-sena 2018 għas-sena 2019. Is-Sindku qal li minħabba eżiġenzi tax-xogħol tal-Kunsill mhux dejjem possibbli li l-ħaddiema jieħdu l-leave kollu tagħhom matul is-sena u għalhekk ikun hemm il-ħtieġa li xi bilanċ ta' dan il-leave jiġi trasferit għas-sena ta' wara. Il-Kunsill approva li kull leave li ma ġiex utilizzat fis-sena 2018 jiġi trasferit għas-sena 2019 u jiġi utilizzat skont il-proċeduri stabbiliti.

115.3.4 Performance bonus. Is-Sindku qal li l-impjegati tal-Kunsill kif ukoll l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandhom jingħataw dan il-bonus massimu peress li dejjem ħadmu sewwa u għamlu dak kollu possibbli sabiex jaħdmu mal-Kunsill biex jagħtu l-aħjar servizz lill-komunità tal-Gudja kemm b'mod globali kif ukoll fuq livell personali.

Il-Kunsill qabel u approva b'mod unanimu dak li qal u ppropona s-Sindku.

115.3.5 Ftehim mal-WasteServ. Is-Sindku qal li l-WasteServ talbu l-Kunsill sabiex jidħlu fi ftehim dwar id-dispożizzjoni tal-iskart organiku. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li dan il-kuntratt jiġi approvat u jiġi wkoll iffirmat skont il-proċedura stabbilità peress li dan il-ftehim huwa wkoll fl-interess tal-Kunsill.

115.3.6 Triq iż-Żebbuġa. Fuq mistoqsija tal-Kunsillier is-Sur Caruana wieġeb li t-tenders relattivi ħarġu u sejrin jinfetħu l-Ġimgħa 11 ta' Jannar 2019. Opening staff se jkun magħmul mis-Sur JM Formosa u Sa A Azzopardi. Il-bord tal-aġġudikazzjoni magħmul minn Dr. J. Sammut, is-Sur M. Debono, is-

Sur C. Falzon, is-Sur R. Busuttil (Segretarju tal-Bord) u s-Sur JM Calleja (Ċermen), li se jiltaqgħu nhar it-Tnejn 14 ta' Jannar 2019 fis-2.30pm sabiex jagħmlu l-għażla skont l-proċeduri stabbiliti.

115.3.7 Miżura 4.3 – xogħol fuq toroq qalb il-kampanja. Xogħol meħtieġa mill-WSC. Fuq mistoqsija tal-Kunsillier is-Sur Caruana, is-Sindku wieġeb illi wara ħafna negozjati mal-WSC intlaħaq qbil illi l-ispejjeż kollha dwar l-ilma sejrin jiġu finanzjati mill-WSC kif dejjem saħaq il-Kunsill sa żmien ilu.

Is-Sindku qal li issa jonqos li l-WSC toħroġ l-LA favur il-Kunsill. Din l-LA li sejra tiġi ffirmata u torbot lill-Kunsill u l-RMS Ltd (il-kuntrattur tal-Kunsill wara li l-ewwel kuntrattur waqa') li kien magħżul sabiex jagħmel xogħol ta' asfaltar f'dawn it-toroq fil-kampanja u ffinanzjati taħt il-miżura 4.3. Il-Kunsill awtorizza lis-Sur JM Formosa jiffirma l-Letter of Acceptances (LA) rispettivi tal-WSC għan-nom tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li l-Kunsill qed ikompli jaħdem sabiex dan ix-xogħol jiġi mwettaq fi żmien awtorizzat mill-Paying Agency.

115.3.8 Applikazzjoni PA/10613/18. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar din l-applikazzjoni fil-bidu ta' Triq Raymond Caruana, il-Gudja fejn qed jintalab permess mill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jitwaqqa' l-bini li hemm u minflokk jittellgħu blokka flats u penthouse fuq. Il-Kunsill qabel li għandu juri li għandu l-interess dwar din l-applikazzjoni sabiex il-Kunsill ikun jista' jiġi rrappreżentat kif u fejn ikun meħtieġ fl-aħjar interess tal-komunità tal-Gudja.

**115.4.0 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

115.4.1 Il-mistoqsijiet ġew imwieġba taħt is-sezzjoni 'Rapporti' u f'partijiet oħra f'dawn l-istess minuti.

**115.5.0 Rapporti**

115.5.1 Stefan Caruana (Kunsillier)

a. Milied ta' Dari 2018. Is-Sur Caruana qal li xtaq jirringrazzja lis-Sindku u l-amministrazzjoni tal-Kunsill u sostenituri oħra u dawk kollha li pparteċipaw għas-sapport u sostenn li taw sabiex din l-attività tkun ta' suċċess u fejda b'risq il-komunità tal-Gudja u oħrajn li attendew għal din l-attività annwali.

Is-Sur Caruana qajjem il-fatt li minkejja li l-Kunsill avvża lill-Pulizija sa minn żmien qabel, kien hemm vetturi li baqgħu pparkjati fil-post u dan seta' fixkel l-aspett mixtieq ta' din l-attività.

Is-Sur Caruana qal li meta sar intervent mal-Pulizija sabiex dawn il-vetturi jiġu żgumbrati, deher ċar li l-Pulizija kellha tagħmel l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern u dan ma sarx, u għalhekk ma setgħetx tagħmel żgumbrament. Fil-

futur il-Kunsill għandu jfakkar lill-Pulizija dwar il-bżonn ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Is-Sur Caruana stqarr li l-Pulizija wriet li ħadet interess li jkun hemm l-ordni waqt din l-attività iżda għal futur il-Kunsill għandu jikkordina aktar mal-Pulizija sabiex jiġi assigurat li jekk ikun hemm min iħalli l-vetturi tiegħu waqt l-attivitajiet imtellgħa mill-Kunsill dawn il-vetturi jiġu żgumbrati skont il-liġi.

b. Problema ta' parkeġġ ġewwa l-Gudja. Is-Sur Caruana qal li dan l-aħħar ġie nnutat li l-Gudja ġiet assedjata b'vetturi, uħud minnhom pparkjati bl-addoċċ u ħażin u dan qala' ħafna inkwiet u inkonvenjent għar-residenti u l-komunità tal-Gudja.

   Is-Sur Caruana qal li l-Kunsill għandu jitlob moniteraġġ dwar parkeġġ ordnat billi jitlob l-assistenza tal-Pulizija u l-Community Workers.

c. Parkeġġ ta' karozzi li jaħdmu bl-elettriku. Is-Sur Caruana staqsa jekk dan l-istation huwa biss għal żewġ karozzi jew jistax ukoll jintuża sabiex karozzi privati li jaħdmu bl-elettriku jkun jistgħu jiċċarġjaw il-batterija tagħhom bla ħlas u dan peress li din id-ditta privata qabdet u għamel installazzjoni tagħha u ħadet parkeġġ bla ebda permess tal-Kunsill.

   Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill sejjer jistħarreġ dwar din il-possibilità kif semma' s-Sur Caruana.

d. Bollard biswit il-kampnar fi Triq W. Baker. Is-Sur Caruana tenna li sa żmien ilu kien sar qbil sabiex jiġi mwaħħal bollard sabiex ma jiġix imblukkat l-aċċess liberu tad-dħul u ħruġ mill-Knisja speċjalment meta tinqala' xi emerġenza.

   Is-Sindku wieġeb illi l-Kunsill kien qed jistenna' l-awtorizzazzjoni tat-TM. Is-Sur Caruana talab lis-Sindku sabiex jirrapporta dwar dan fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

e. Karozzi tal-linja iżgħar li jagħtu s-servizz għall-Gudja. Is-Sur Caruana stqarr li wħud mill-karozzi tal-linja li qed jintużaw għas-servizz fil-Gudja huma kbar ħafna u li xi drabi joħolqu problemi meta jgħaddu mit-toroq tal-Gudja.

   Is-Sur Caruana qal li l-Kunsill għandu jitlob lit-Transport Malta sabiex fuq ir-rotot tal-Gudja jintużaw karozzi iżgħar sabiex fil-Gudja l-immaniġġjar tat-traffiku jkun aħjar.

115.5.2 George Fenech (Kunsillier)

a. Monument tal-Gudja. Is-Sur Fenech għamel referenza għal-laqgħa, li kemm huwa (is-Sur Fenech) kif ukoll is-Sur Caruana u s-Sindku kellhom mas-Sur Horace Calleja ftit qabel il-bidu tal-istess laqgħa tal-Kunsill.

Is-Sur Fenech qal li s-Sur Calleja filwaqt li ppreżenta l-abbozz ta' dan il-monument, ġie nfurmat, illi peress li hemm persuna oħra interessata li tissottometti l-abbozz tagħha, il-Kunsill għandu jikkuntattja lil din il-persuna dwar l-interess tagħha u jekk hux beħsiebha tippreżenta l-abbozz jew l-iskeċċ tagħha qabel ma l-Kunsill jista' jipproċedi dwar l-għażla finali tal-abbozz ta' dan il-monument.

b. Sinjali siewja dwar l-immaniġġjar tat-traffiku. Is-Sur Fenech stqarr li hemm il-ħtieġa li ssir vleġġa fix-xifer ta' Triq R. Caruana biswit il-knisja li turi lill-karozza tal-linja tipproċedi minn hemm lejn it-terminus biswit Ġnien R. Caruana.

**115.6.0 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali**

115.6.1 Laqgħa annwali tal-lokalità. Il-Kunsill iddeċieda li din issir fit-28 ta' Jannar 2019 fis-7pm fuq din l-aġenda ġewwa l-Librerija G. Zammit fi Triq San Mark, il-Gudja.

a. Minuti tal-laqgħa tal-lokalità tal-Gudja li saret il-Ħamis 18 ta' Jannar 2018
b. Rapport Amministrattiv tas-sena 2018 u Pjan ta' Attività 2019
c. Pjan ta' Ħidma 2019-2021
d. Diskussjoni dwar il-baġit u estimi finanzjarja għas-sena 2019
e. Għeluq tal-laqgħa.

Is-Sindku talab lill-kunsilliera kollha sabiex jagħtu l-punti saljenti dwar il-ħidma tad-dekasteri tagħhom sabiex jiġi ppreparat ir-rapport amministrattiv li jkun konċiż u komprensiv li juru l-ħidma u l-progress miksub mill-Kunsill f'isem u għal ġid tal-komunità kollha tal-Gudja.

115.6.2 Xogħol ta' pavimentar fi Triq Sta Katarina, Triq J Pace u Triq id-Dejqa. Is-Sindku ppreżenta l-BOQ dwar dawn it-toroq. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li joħorġu t-tenders relattivi. Is-Sindku qal li l-Kunsill qed jagħmel tentattivi sabiex jikseb finanzjament (barra mill-fondi tal-Kunsill) sabiex isiru dawn ix-xogħlijiet li jirrispetta l-ambjent tal-qalba tal-Gudja.

**115.7.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

115.7.1 Il-lista ta' pagamenti nru 63/7 hekk kif ippreżentata u pproponuta mis-Sindku u ssekondata mill-Kunsillier G. Fenech għall-ammont totali ta' €29,497.34 ġiet approvata.

**115.8.0 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

115.8.1 Tabelli madwar il-Gudja. Is-Sindku qal u l-Kunsill qabel li jsiru t-tabelli kollha meħtieġa li jidher li tant qdiemu li lanqas qed jidhru u għalhekk qed tinħoloq diffikultà sabiex jiġu segwiti.

115.8.2 Tarmak u sealer. Is-Sindku qal u l-Kunsill approva li jinxtraw 50 borża cold tarmak u 3 landi sealers sabiex isir xogħol ta' patching f'diversi toroq fil-Gudja.

115.8.3 Xiri ta' żebgħa għas-sinjali tat-traffiku. Is-Sindku qal u l-Kunsill qabel li jinxtraw 10 landi żebgħa sabiex jiġu ffreskati s-sinjali tat-traffiku kif ikun meħtieġ.

115.8.4 Covers għax-xelters fi Triq R. Caruana. Saret diskussjoni dwar il-ħtieġa li l-bokok tax-xelters jingħataw dehra aħjar billi l-għotjin ikunu anqas osteri u aktar moderni u li jinfetħu u jingħalqu aktar faċli b'sistemi kemm mekkaniċi u elettriċi. Sar qbil li jsiru żjarat f'lokalitajiet, irħula u bliet madwar Malta sabiex naraw kif dawn ix-xelters qed jiġu trattati u mħarsa.

115.8.5 Xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix u tindif f'toroq rurali. Il-Kunsill qabel li kull ċekk pendenti li hemm fuq Wilson Mifsud rigward dan ix-xogħol jiġi kkanċellat, kif ukoll kull invoice li għandhom ma tħallsux, peress li s-servizz ma ngħatax kif mitlub mill-Kunsill u peress li dan is-servizz ma baqax jingħata.

115.8.6 Peress li t-temi kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, is-Sindku għalaq il-laqgħa fis-7.15pm. Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għat-Tnejn 28 ta' Jannar 2019 fis-6.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa u li għandha tiġi segwita bil-laqgħa pubblika fis-7.00pm kif intqal aktar 'il fuq f'dawn l-istess minuti.

Konfermati, illum _______________________

John Mary Calleja
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv